MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Numru. 333/2008

Il-Pulizija
(Sp Kevin J Farrugia)
vs
Don Axiaq, iben Alfred, imwieled Pieta' fis-16 ta' Frar, 1982

Illum, 5 ta' Diċembru, 2008

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-17 ta' April, 2008 ġewwa l-iskola (pubblika) sekondarja, in-Naxxar u f'inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer –
1. ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Andrew Cauchi, li għandu n-numru tal-karta tal-identita' 563953(m), kif iċċertifika Dr. V. Ciantar M.D. (reg no. 2005) taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
2. għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' l-għalliem Andrew Cauchi, li għandu n-numru tal-karta tal-

identita’ 563953(m), liema persuna hija nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħa jew jinfluwixxu fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. bi vjolenza jew b’theddid ġiegħel lil Andrew Cauchi u persuni oħra, bħala uffiċjali pubbliċi li jagħmlu jew li ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x’taqsam mal-kariga tagħhom;
4. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioe’ kontra Andrew Cauchi li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi;
5. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Andrew Cauchi, biża li ser tintuża vjolenza kontrih, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imġieba tiegħu ser tikkaġunalu biża;
6. ġab ruħu b’ta;l mod li ta fastidju lil Andrew Cauchi u b’mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta’ fastidju għal persuna ta’ Andrew Cauchi;
7. volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija Minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-ħati l-ordni ta’ protezzjoni skond l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta’ Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Diċembru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(d), 221(1), 91, 95(1), 96(a) u 251B(1)(2) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih

hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------